MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru 10/2006

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

***versus***

**CARMEN BUTLER mart Carmelo, bint missier mhux magħruf u Mary *née* Farrugia, imwielda Pietà fl-4 t’Ottubru 1964 u residenti *Flat 1*, *Alison Flats*, Triq San Ġwann, Birżebbuġa, karta ta’ l-identità numru 514564(M); u STEPHANIE BUTLER, bint Carmelo u Carmela *née* Farrugia, imwielda Pietà fl-24 ta’ Novembru 1984 u residenti *Flat 1*, *Alison Flats*, Triq San Ġwann, Birżebbuġa, karta ta’ l-identità numru 3585(M)**

Il-qorti rat l-Att ta’ l-Akkuża numru 10 ta’ l-2006 li bih l-Avukat Ġenerali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, wara li qal illi:
Fi Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002), il-Pulizija bdiet tindaga mal-uffiċjali tal-*HSBC Bank* dwar Stephanie Butler, li kellha prokura favur tagħha minn terzi, u li kienet, f’perijodi qosra ta’ madwar sentejn u anke inqas, għamlet xejn anqas minn dsatax-il negozju b’ammonti qawwija f’kont ma’ dak il-bank.
Stephanie Butler kienet mara mingħajr ebda xogħol fiss u ma kellhiex xi sorsi ta’ introjtu. Barra minn hekk, hija kienet it-tifla ta’ ċertu Charles Butler, magħruf sew mal-Pulizija, li kellu sfond twil ta’ attivitajiet kriminali li kienu jiġġeneraw ammonti kbar ta’ flus.
Irriżulta wkoll li Carmen Butler kienet il-persuna li proprjament għamlet dawn id-depożiti u negozji permezz tal-kont intestat f’isem bintha Stephanie. Naturalment, dan kollu sar bil-konnivenza kemm ta’ Carmen Butler, kif ukoll ta’ bintha Stephanie.
Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irrizulta li, fil-perijodu tal-ħamsa u għoxrin ta’ Jannar ta’ l-imsemmija sena 2002, u fix-xhur ta’ qabel, Stephanie Butler bil-għajnuna ta’ ommha Carmen, kienet qiegħda tgħin u tassisti lil missierha Charles sabiex jagħti xgħira apparentement legali u leġittima lil kwantità ta’ flus li l-istess Charles kien qiegħed idaħħal mill-attivitajiet diversi kriminali tiegħu.
Charles Butler ma kellu ebda kontijiet bankarji fuq ismu, u dana għaliex kien jagħmel arranġamenti u ftehim ma’ martu u bintu sabiex ir-rikavat mill-attivitajiet kriminali magħmula minnu jiġi investit b’mod leġittimu f’depożiti bankarji u xiri ta’ proprjetà u ħwejjeġ oħra f’isem l-istess martu u bintu.
F’dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni fejn kien hemm attività kriminali sottostanti li minnha inkisbet proprjetà jew rikavat, fosthom dawk il-flus u effetti li effettivament instabu taħt il-kontroll ta’ Stephanie u Carmen Butler bil-konnivenza sħiħa u sapjenti ta’ Charles Butler li kien il-moħħ wara l-imsemmija attività kriminali.
kompla qal illi:
B’għemilhom l-imsemmija Stephanie Butler u Carmen Butler saru ħatja tad-delitt ta’ *money laundering,* u *cioè* talli ikkommettew: (i) il-konverżjoni jew trasferiment ta’

proprjetà meta huma kienu jafu li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali; (ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta huma kienu jafu li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; (iii) l-akkwist ta' proprjetà meta huma kienu jafu li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; (iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta huma kienu jafu li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; u (v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti hawn fuq, b'dan, li ir-reat sar b'diversi azzjonijiet magħmulin minnhom fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda.

Għalhekk akkuża lil Carmen Butler u lil Stephanie Butler:

ħatja tad-delitt ta' *money laundering,* u cioè talli ikkommettew:

(i) il-konverżjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta huma kienu jafu li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta huma kienu jafu li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist ta’ proprjetà meta huma kienu jafu li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta’ proprjetà meta huma kienu jafu li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta’ xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti hawn fuq;
b’dan, li ir-reat sar b’diversi azzjonijiet magħmulin minnhom fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b’riżoluzzjoni waħda.
u talab:
illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u li kull waħda minn Stephanie Butler u Carmen Butler tiġi ikkundannata għal piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn għoxrin sena jew multa ta’ mhux iżjed minn miljun lira maltija, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3, 6 u 7 ta’ l-Att XIX ta’ l-1994 li jipprovdi għall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta’ *laundering* ta’ flus f’Malta (Kapitolu 373), u fl-artikoli 18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmija akkużati.
Rat l-atti kollha proċesswali, fosthom ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni;
Rat il-verdett tal-ġurati mogħti llum li bih:
(i) b’sitt voti favur u tliet voti kontra sabu lil Carmen Butler ħatja ta’ l-akkuża miġjuba kontrieha fl-att ta’ l-akkuża; u
(ii) bi tmien voti favur u vot wieħed kontra sabu lil Stephanie Butler mhux ħatja ta’ l-akkuża miġjuba kontrieha fl-att ta’ l-akkuża.
Il-qorti għalhekk:
1. tiddikjara lil Stephanie Butler meħlusa mill-akkuża miġjuba kontrieha u tordna li tiġi illiberata;
2. tiddikjara lil Carmen Butler ħatja tad-delitt ta’ *money laundering* u, *cioè* talli ikkommettiet

a. il-konverżjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta kienet taf illi dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

b. il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta hija kienet taf li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

c. l-akkwist ta' proprjetà meta hija kienet taf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

d. ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta hija kienet taf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

e. it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti hawn fuq;

b'dan, li ir-reat sar b'diversi azzjonijiet magħmulin minnha fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda.

Il-qorti semgħet lix-xhud Stephanie Butler, bint il-ħatja, tixhed dwar il-kondizzjoni tagħha u ta' ommha, u semgħet ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mill-avukati dwar piena kif irid l-art. 490 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni illi l-qorti trid tqis u żżomm bilanċ bejn is-sitwazzjoni soġġettiva tal-ħatja u l-gravità tad-delitt, u s-sottomissjoni tad-difiża dwar:

a. illi l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali, dwar reat kontinwat, għandu jiftehem fil-kuntest partikolari tad-delitt ta' *money laundering* fis-sens illi dan id-delitt, għalkemm jista' jsir b'att wieħed u ta' darba, madankollu min-natura tiegħu jimplika ċertu *system of conduct* u *pattern* u għalhekk ma hux xieraq illi l-ħati jkun penalizzat darbtejn: darba għax

id-delitt fih innifsu jinfirex fuq diversi atti u darba oħra taħt l-art. 18;

b. illi nstabet ħtija b'verdett minimu ta' sitt voti;

c. illi l-ġurija kolleġġjalment talbet il-ħniena tal-qorti mal-ħatja għax inħass illi din kienet "vittma ta' sitwazzjoni familjari diffiċli";

d. illi l-ħatja kellha kondotta, sallum, nadifa;

e. illi dan huwa "każ sfortunat"; u

f. illi, minħabba fis-sitwazzjoni ta' saħħa ta' bint il-ħatja u ta' bint bintha, meta tqis illi l-missier qiegħed jiskonta sentenza twila ta' ħabs f'pajjiż ieħor, din teħtieġ il-preżenza ta' ommha.

Għal dawn ir-raġunijiet id-difiża talbet illi l-qorti tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża għax din tkun xierqa għall-każ.

Il-qorti rat illi, skond l-art. 3(1) ta' l-Att kontra *Money Laundering* [Kap. 373], il-piena għal min jinstab ħati taħt dik il-liġi hija ta' multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000,000 (miljun lira) – żewġ miljuni, tliet mija u disgħa u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€2,329,373.40) – jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erbatax-il sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Meta tqis illi hemm massimu x'aktarx għoli ta' piena iżda ma hemmx minimu, u li għalhekk tħalliet diskrezzjoni wiesa' f'idejha, il-qorti trid tqis fatturi oġġettivi, fosthom il-kwantita u l-valur tal-flus "maħsula" u l-frekwenza ta' dan l-għemil, u wkoll fatturi soġġettivi bħal ma huma s-sitwazzjoni personali tal-ħati u l-malvaġità ta' l-intenzjoni kriminuża.

Il-qorti tibda biex tgħid illi, fis-sitwazzjoni tal-każ tallum, fejn ċertament hija tal-fehma illi l-piena ma għandhiex tingħata fil-massimu u fejn ma hemmx minimu impost mil-liġi, jekk hux applikabbli jew le l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali huwa punt x'aktarx akkademiku milli ta' relevanza prattika. Għalkemm taqbel mal-prosekuzzjoni illi huwa konċepibbli r-reat ta' *money laundering* b'att wieħed biss ta' riċiklaġġ, ma hux meħtieġ li jingħad iżjed fuq dan billi ż-żjieda fil-piena hija fakoltativa u ma hux il-każ li l-qorti tinqeda b'din is-setgħa.

Il-qorti tifhem ukoll illi l-għan aħħari ta' kull min jikser il-liġi hu li jagħmel qligħ mill-attività kriminali tiegħu, u għalhekk

min hu ħati ta' *money laundering* qiegħed, bil-għemil tiegħu, isaħħaħ il-fehma ta' min irid jikser il-liġi għax isaħħaħlu s-setgħa li jagħmel qligħ mill-attività tiegħu. Għalhekk, oġġettivament, dan id-delitt huwa wieħed serju u gravi, u huma meħtieġa disinċentivi serji kontrieh.
Huwa relevanti wkoll illi l-ħatja nqdiet ukoll b'bintha, dak iż-żmien tifla ta' ħmistax-il sena, biex twettaq il-ħsieb tagħha u b'hekk mhux biss daħħlet lil bintha fit-trawma tal-proċess penali iżda setgħet ukoll iddaħħalha minn età x'aktarx żgħira f'ħajja ta' kriminalità, biex hekk tagħmel lil bintha wkoll vittma oħra ta' l-attività tagħha.
Madankollu, fil-każ tallum il-qorti ma tistax ma tqisx it-talba għal ħniena magħmula mill-ġurati u l-fatt illi bint il-ħatja, Stephanie Butler, f'mument diffiċli ta' ħajjitha meta għandha problemi gravi ta' saħħa u hija mċaħħda minn missier, teħtieġ il-preżenza u għajnuna ta' ommha.
Il-qorti tifhem ukoll illi l-ammont ta' flus riċiklati – madwar erbgħa u għoxrin elf lira (Lm24,000), li x'aktarx li mhux kollha, u forsi wkoll mhux il-parti l-kbira minnhom, ġew minn attività kriminali relevanti għall-għanijiet tal-każ tallum – għalkemm somma mhux traskurabbli madankollu ma hijiex tali li tagħmel il-każ tallum fost l-aktar każijiet gravi.
Relevanti wkoll illi ma nġibitx prova illi l-ħatja għandha preċedenti penali.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiża illi fil-każ tallum hija indikata piena ta' priġunerija sospiża, u temmen illi għalkemm hemm ħtija, din fiċ-ċirkostanzi timmerita illi l-ħatja tingħata l-benefiċċju taħt l-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali.
Għalhekk il-qorti, wara li rat l-artt. 2, 3, 6 u 7 ta' l-Att kontra *Money Laundering* [Kap. 373], u l-artt. 18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħatja Carmen Butler għall-piena ta' priġunerija għaż-żmien ta' sentejn, b'dan illi s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul iż-żmien ta' erba' snin millum, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna li din is-sentenza tibda sseħħ.
Il-qorti, kif irid l-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tfiehem bi kliem ċar lill-ħatja l-konsegwenzi taħt l-art. 28B

tal-Kodiċi Kriminali jekk, matul żmien ta’ erba’ snin millum, tikkommetti reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija. Tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* kif irid l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali u, kif irid l-art. 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħatja tħallas fi żmien xahrejn millum is-somma ta’ ħamest elef sitt mija u disgħa u sebgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€5,679.34) spejjeż tal-ħatra ta’ espert.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------